# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 958/97

Thomas Harmsworth

vs

Commander Armed Forces of Malta u Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta b' digriet tat-12 ta' April 2000

Illum 20 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

**A: RIKORS**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1988 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatajtx promozzjonijiet li jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa dahal fl-Armata ta' Malta fl-1970 bhala Lance Bombardier, wara li kien spicca minn 10 snin servizz mar-Royal Engineers.

Fl-1988 meta huwa kien jokkupa r-Rank ta' Staff Sargent kienu hargu promozzjonijiet izda huwa nqabez minn ohrajt li ma kellhomx kwalifikazzjonijiet, esperjenza u seniority daqsu.

Huwa hass li sofra dawn l-ingustizzji minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Li kieku huwa ma nqabizx f'dawn il-promozzjonijiet li semma aktar il-fuq, billi hu ghandu il-kwalifikazzjonijiet necessarji, kieku hu llum qieghed jokkupa r-rank ta' Kaptan.

Ghaldaqstant hass li huwa gie mtellef l-opportunita' li javvanza fil-karriera tieghu ngustament u b'hekk sofra danni morali u finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni il-ilemnt tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-

promozzjonijiet kollha li huwa gie mtellef u li jigi kkumpensat ghal dak li tilef ingustament, kif tiddeciedi l-qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm….

**B: ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent li wara l-1992 kienu hargu xi promozzjonijiet li fihom hu gie maqbuz ir-rikors promotur huwa inammessibli fit-termini ta' l-Artikolu 5(4) ta' l-att VIII ta' l-1997 peress li l-ewwel ezercizzju li sar tal-promozzjonijiet wara l-1992 kien b'effett mill-1 ta' Marzu 1996 u ghaldaqstant l-att jew ommisjoni allegat mir-rikorrent huwa barra miz-zmien stipulat ghall-applikazzjoni ta' l-Att.

Illi jirrizulta li fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 individwu wiehed li kien ***junior*** tar-rikorrent gie promoss ghar-rank ta' Warrant Officer II. Jirrizulta wkoll li sa mill-1987 ir-rikorrent kellu ***medical employment restrictions*** li ma kienux jippermettulu jaghmel il-range kollu ta' xoghol li jitlob minnu s-servizz.

Illi r-rikorrent kien gie promoss ghar-rank ta' Warrant officer Ii fl-20 ta' Jannar 1992.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe l-avviz legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi dstinzjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Barra minn hekk il-premessa tar-rikorrent li kieku ma nqabizx fil-promozzjoni li hu qed isemmi kien illum qieghed jokkupa r-rank ta' kaptan hija bla bazi ghaliex il-promozzjoni li hu qed jilmenta li nqabez minnha cioe' dik ta' Warrant Officer II ma ggibx promozzjoni ulterjuri ghall-promozzjonijiet ohra akbar awtomatikament.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**C: PROVI**:

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors ipprezentat minni quddiem it-Tribunal. Fil-promozzjonijiet tal-1988 minn erbgha fl-istess kumpanija, tlieta gew promossi ghar-rank ta' Warrant Officer, filwaqt li r-rikorrent biss ma kienx promoss. Tnejn mit-tlieta promossi kienu ta' l-istess rank tar-rikorrent, u wiehed kien rank anqas mir-rikorrent. It-tnejn li kienu tar-rank tar-rikorrent, ma kienux kwalifikati. Dak li kien rank anqas mir-rikorrent, lanqas ma kien kwalifikat.

Zied li l-istat ta' sahha ma jippermettilux biss li jaghmel il-parati, izda x-xoghol kollu l-iehor fl-Armata jaghmlu. Sostna li fl-Armata hemm min ma jaghmilx parati u hemm min li nonostante dan, gie promoss ghar-rank ta' Kaptan.

Ir-rikorrent in kontro ezami qal li ghamel l-ilment tieghu fuq il-promozzjonijiet tal-1988. Fil-waqt li hu baqa' Staff Sargeant kien hemm Botterill li minn Surgent sar Warrant Officer 2 u ghalhekk qabez grad.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri u ipprezenta skeda ta' promozzjonijiet minn Staff Sargeant ghal Warrant Officer 2 li hargu b' effett mill-11 ta' Mejju 1988 fit-tieni regiment. Semma li jidher li f' Ottubru tal-1987 ir-rikorrent instab li qed ibati minn diabete u ghaldaqstant gie mqieghed fuq restricted duties. Specifikament kien ezenti milli jaghmel xoghol li jirrikjedi strapazz, physical training ma setax jaghmel, IS training, drill duties u parati. Din ir-restrizzjoni kienet long time. Fil-fatt ir-rikorrent ghadu b' dawn il-light duties sal-gurnata tal-lum.

Fl-iskeda ta' promozzjonijiet jidher li r-rikorrent inqabez minn tlieta minn nies li kienu junior tieghu u specifikament Botteril, Schembri u Mallia. Tajjeb wiehed jghid li minn dawn it-tlieta l-ebda wiehed minnhom ma hu qieghed fuq xi restriction ta' duties. Kollha kienu fit for all duties. Fis-servizz baqa' minnhom biss Mallia li llum huwa fizzjal fir-rank ta' Lieutenant. Ghar-rigward ta' Schembri wara li fittex fil-confidential reports jirrizulta li dejjem kien irrikmandat bhala above the standard required of his rank and service. Ghar-rigward ta' Botteril ir-rakkomandazzjonijiet kienu well above the standard required of his rank and service u ghar-rigward ta' Staff Sargeant Mallia llum huwa fizzjal u kien rikmandat bhala outstanding mill-1980.

Fir-rigward ta' Schembri u Mallia il-grad ta' edukazzjoni huwa l-istess bhal tar-rikorrent. Rigward it-trades ta' Schembri u Mallia ta' Schembri huma vicini ghalkemm mhux ekwivalenti tar-rikorrent. Ta' Mallia ghalkemm huma l-istess fin-numru ta' erbgha huma ta' grad anqas minn tar-rikorrent. Ghar-rigward ta'

Botteril li gie ezatt wara r-rikorrent huma l-istess grad pero` huma wahda anqas fis-sens li Botteril ghandu tlieta u Harmsworth ghandu erbgha.

**D: KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk irrizulta li fil-promozzjonijiet minn Staff Sergeant ghall-Warrant Officer II b'effett mill-11 ta' Mejju, 1988, ir-rikorrent inqabez minn tlieta minn nies – u cioe' Botteril, Schembri, u Mallia.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

L-intimat prova jiggustifika d-decizzjoni fuq il-fatt li r-rikorrent kien qieghed ibaghti mid-diabeta u li ghalhekk kellu jkun qieghed fuq light

duties. Dan hu accettabbli fil-konfront ta' Schembri u Mallia li ghandhom l-istess Army Certyificate of Education Class 1 bhar-rikorrent, kif ukoll trades komparabbli. Il-fatt li kien ibaghti minn dik il-kundizzjoni iggustifika s-seniority.

Izda fil-fehma tat-Tribunal certament li ma kienx gustifikat fil-kaz ta' Botteril. Bhala Army Certificate of Education dan kien Class III. Trades ukoll kellu anqas mir-rikorrent. Mix-xhieda tal-Kurunel Schembri jirrizulta li "Botterill kien Surgent, sar Staff Sargeant u Warrant Officer 2 f' dawn il-promozzjonijiet jigifieri ha zewg promozzjonijiet f' daqqa." Kompla jixhed li "Il-fatt li r-rikorrent kien fuq light duties ma kienx ifisser li ma kienx eligibbli ghall-promozzjoni izda hija fattur li tittiehed in konsiderazzjoni fl-allokazzjoni tal-promozzjonijiet."

Dan fil-fehma tat-Tribunal ma kienx gustifikat u jammonta ghal ingustizzja kif specifikata fl-Att VIII tal-1997. Ghal dawn ir-ragunijiet jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Warrant Officer Class II b'effett mill-11 ta' Mejju, 1988 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.